MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1408/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Daniel Manssour (Pssport Nru. 1107244)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas elfejn, erba' mija u tliet ewro, u erbgha u erbghin centezmu (€2,403.44) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Numbers* 479918 u 479925 in rigward servizzi telefonici cellulari u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Il-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis- 6 ta' Dicembru, 2010 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas milli jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------